

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Ċivili](#) > Il-qorti ta' liema pajjiż hija responsabbli?

## Il-qorti ta' liema pajjiż hija responsabbli?

Il-liġi tal-Unjoni Ewropea tista' tiddetermina liema qorti tittratta każ meta ż-żewġ partijiet f'tilwima jibdeu proċedimenti f'pajjiżi differenti tal-UE.

Pereżempju, wara inċident tat-traffiku bejn żewġ persuni li jgħixu l-Ġermanja u Franza rispettivament, jista' jkun li jfittxu lil xulxin għad-danni fl-Istat Membru tad-domiċilju tagħhom.

Id-dritt tal-Unjoni Ewropea (UE) jiddetermina liema qrati ta' liema Stati Membri għandhom jieħdu konjizzjoni tal-kawża, sabiex jiġu evitati deċiżjonijiet kunfliġġenti. Ir-regola ġenerali hija li persuna għandha titfittex fl-Istat fejn hi domiċiljata. Barra minn hekk, regoli oħra dwar il-ġurisdizzjoni jistgħu jiġu invokati bħala alternattiva f'każijiet speċifiċi, pereżempju, il-persuna li tonqos milli teżegwixxi l-kuntratt tista' titfittex fuq il-post tal-prestazzjoni tal-obbligu inkwistjoni (eż., fil-post fejn il-prodotti mixtrija kellhom jiġu kkonsenjati). Jeżistu regoli speċjali biex jiproteġu gruppi bħalma huma l-konsumaturi, il-ħaddiema u l-persuni assicurati.

Fil-liġi tal-familja, jeżistu regoli tal-UE li jiddeterminaw fejn għandha tinstema' tilwima li tikkonċerna d-divorzju, ir-responsabbiltà tal-ġenituri jew il-manteniment.

Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.

Meta tiddetermina l-Istat Membru t-tajjeb abbażi tar-regoli tal-ġurisdizzjoni, imbagħad trid issib il-qorti kompetenti fil-prattika.

L-Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar kwistjonijiet ċivili fih l-ismijiet u l-indirizzi tal-qrati kollha fl-Istati Membri li huma kompetenti fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (qrati tal-prim'istanza, qorti tal-appell, eċċ.) u ż-żoni ġeografiċi li fuqhom għandhom ġurisdizzjoni.

L-aħħar aġġornament: 30/05/2023

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.